28 ta' Marzu, 1949.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Katarin Farrugia

**Proċedimenti Penali — Eċċezzjonijiet ta' Natura Ċivili — Sospensjoni. — Terminu.**

*Meta l-imputat f'kawża kriminali jopponi bħala difiża tiegħu xi fatt jew att purament ċivili illi, kieku veru, jiddistruġġi kull idea ta' reat, u li dwaru hemm kontestazzjoni, allura l-Imħallef ta' Qorti Kriminali għandu jirrinvija l-konjizzjoni ta' dik il-kwistjoni lill-Imħallef ta' Qorti Ċivili, u l-proċediment għandu jibqa' sospiż sakemm tiġi deċiża irrevokabilment il-kwistjoni ta' indoli prettament ċivili.*

*Dana però, iingħad in linea ta' massima; għaliex jista' jkun li jkun hemm każijiet li fihom tinqala' kwistjoni ta' soluzzjoni ovvja, jew faċili u spedita, li bi kriterju ta' utilità pratika tista' tiġi, għarrigward tagħha, aċċettata l-massima l-oħra li l-ġudikant ta' l-azzjoni għandu d-dritt li jiġġudika anki l-eċċezzjoni.*

*Imma billi ma hux ċar li l-proċediment penali jibqa' sospiż indefinitament, għandu jiġi prefiss terminu lill-imputat biex jintavola l-azzjoni ċivili opportuna, bl-obligu li, wara li jkun intavolaha, jipproseguwiha bid-diliġenza meħtieġa.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-imsemmija Farrugia ġiet imressqa quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, fuq l-imputazzjoni illi daħlet fil-għalqa ta' Salvu Cassar bla kunsens tiegħu u ħadet pussess minn l-art u għamlet użu minnha;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Diċembru 1948, li biha hi ġiet misjuba ħatja u kkundannata għall-piena ta' l-ammenda ta' 5s;

Rat ir-rikors li bih l-istess Farrugia appellat minn dik id-deċiżjoni;

Rat id-deċiżjoni ta' din il-Qorti ta' l-Appell fuq il-punt preliminari ta' l-akkwijexxenza għas-sentenza, riportata in kopja fol. 14 ta' l-inkartament;

Semgħet il-provi;

Semgħet l-argumenti;

Irriflettiet;

Mill-provi deher illi fil-fatt l-imputata daħlet ġol-passaġġ li jagħmel ma' għalqa fir-raba' "Tal-Widien", limiti ta' Ħaż-Żabbar. Ix-xhud Salvu Cassar qal fix-xhieda tiegħu li dan il-passaġġ jagħmel minnu hu biss, u li l-gabillotti l-oħra, meta għaddew, kompriża l-imputata, eżerċitaw il-passaġġ bil-bona grazzja tiegħu. Dan l-aħħar hu ma kienx kompla favur l-imputata dina t-tolleranza, u għalhekk, skond Cassar, hi għaddiet kontra l-kunsens tiegħu. L-imputata, għall-kuntrarju, issostni li hi għandha l-jedd li tgħaddi mnejn għaddiet, u għalhekk dak li għamlet għamlitu b'ġust, u mhux bil-bona grazzja. Xehed anki Manwel Busuttil f'sens li jikkonferma l-versjoni ta' Salvu Cassar;

Fl-eskussjoni tal-provi, però, daħlet il-kwistjoni tal-pussess ta' dan il-passaġġ. Infatti..............;

Jidher, għalhekk, li din il-kwistjoni, li mis-soluzzjoni tagħha jiddependi hemmx ir-reat jew le, teħtieġ istruzzjoni aktar ampja;

Issa, in konnessjoni ma' dan, tqum il-kwistjoni l-oħra importanti. Jekk il-massima illi l-Imħallef illi jiġġudika l-

azzjoni għandu jkollu d-dritt jiġġudika l-eċċezzjoni, għandhiex tapplika f'mod assolut u dejjem, meta fil-ġudizzju kriminali tinqala' kwistjoni li hi ta' indoli prettament ċivili, b'mod li l-Imħallef f'sedi kriminali jkun investit bil-konjizzjoni normalment ta' kompetenza tat-tribunali ċivili";

Din il-kwistjoni ma hijiex bla diffikultà, u lanqas ma hi paċifika s-soluzzjoni tagħha;

Ċert hu li fid-Dottrina Franċiża u Taljana l-punt huwa ferm dibattut. L-awturi Toullier (Du Mariage, Tomo I, nri. 530 u 637), id-Duranton (Du Mariage, Tomo I, 731-733), u l-Merlin (Repertorio di Giurisprudenza, voce "Bigamia", no. 2, u 'quistioni di diritto' ibidem, para. 2, no. 2), jaffermaw "bħala prinċipju ġenerali", illi meta imputat joppuni bħala difiża tiegħu xi fatt jew att purament ċivili illi, kieku veru, jiddistruġġi kull idea ta' reat, u li dwaru hemm kontestazzjoni, allura l-Imħallef ta' Qorti Kriminali għandu jirrinvija l-konjizzjoni ta' dik il-kwistjoni lill-Imħallef tal-Qorti Ċivili. U l-Pessina (Elementi di Diritto Penale, Vol. II, paġ. 312) jidher li hu ta' l-istess fehma. Anki l-Carrara (Progr. para. 1883), il-Puglia (Monografia Rivista Penale, Vol. XXV, p. 212), u l-Impallomeni (Codice Penale Illustrato, pag. 118), similment jirritjenu li kwistjoni simili għandha tkun devoluta għall-konjizzjoni u d-deċiżjoni tat-tribunal ċivili. Awturi oħra, però, jesprimu l-opinjoni kuntrarja, u jibbażaw ruħhom fuq il-massima li min jiġġudika l-azzjoni għandu jkollu l-jedd li jiġġudika wkoll l-eċċezzjoni, u li għalhekk il-ġurisdizzjoni penali, impossessata mill-konjizzjoni ta' l-imputazzjoni tar-reat, hija kompetenti li tippronunzja ruħha fuq l-eċċezzjonijiet kollha u proposti bħala mezzi ta' difiża. Ta' din l-opinjoni jidhru li huma d-Demolombe (De la Paternité, no. 276), il-Lucchini (Digesto Italiano, voce "Adulterio", no. 275), u t-Tuozzi (Rivista Penale, Suppl. Vol. II, pag. 67);

Issa, għalkemm hu veru, kif jirrilevaw l-awturi li jsostnu li t-tribunal kriminali għandu f'każi simili jiddeċidi anki l-kwistjoni ċivili, illi l-ġurisdizzjoni penali ma għandhiex tkun intralċjata b'lungaġini ta' proċeduri oħra, u veru wkoll li l-pronunċja tal-Qorti Kriminali għandha tingħata mill-aktar fis

wara r-reat, u għalkemm ma jistax jiġi negat li l-kriterji ta' utilità pratika jistgħu, f'każijiet fejn il-kwistjoni, għad li tkun ċivili, tkun ta' soluzzjoni ovvja, jew almenu faċili, jissuġġerixxu l-adozzjoni tal-massima li min jiġġudika l-azzjoni jista' jiġġudika l-eċċezzjoni, b'dan kollu ma għandux jintnesa l-postulat ta' ġustizzja kriminali li ħadd ma għandu jsofri kundanna għal reat li jista' jkun li ma kkommettiex, għaliex ineżistenti, kif inhi ineżistenti l-imputazzjoni ta' vjolazzjoni tal-proprjetà ta' ħadd ieħor jekk dik il-proprjetà ma hijiex ta' ħadd ieħor, iżda, għall-kuntrarju, ta' l-imputat. U għalhekk il-Merlin kien osserva li ma jistax ikun li jkun hemm kundanna għal reat li, minħabba s-soluzzjoni eventwali tal-kwistjoni ċivili involuta, jista' jitlef l-elementi ta' reat, u li ma jistax ikun li bniedem jiġi kundannat provviżorjament b'mod li s-sentenza tal-Qorti Ċivili turi, wara, li reat ma kienx hemm;

L-Imħallef sedenti jinklina li jadotta, kif fil-fatt qiegħed jadotta, it-teorija ta' dawk li jsostnu li għandu jiġi sospiż il-proċediment penali sakemm tiġi deċiża irrevokabilment il-kwistjoni ta' indoli prettament ċivili (ara wkoll Rex vs. Nic. Cassar, 22 ta' Frar 1922). Dan 'n linea ta' massima; għaliex, kif ingħad, jista' jkun li jkun hemm każijiet li fihom tinqala' kwistjoni ta' soluzzjoni ovvja, jew faċili u spedita, li bi kriterju ta' utilità pratika tista' tiġi, għar-rigward tagħha, aċċettata l-massima li tagħti lid-deċident ta' l-azzjoni d-dritt li jiġġudika anki l-eċċezzjoni;

L-Imħallef sedenti jħossu inklinat li jaċċetta l-opinjoni fuq imsemmija mhux biss għaliex kwistjoni simili ma hix proprja ta' tribunal kriminali, imma anki għaliex fil-liġi Maltija hemm dispożizzjoni taħt it-Titolu tal-"Preskrizzjoni" — art. 686 (2) Kap. 12 Ediz. Riv. — li turi illi l-leġislatur Malti jikkontempla appuntu l-każ li l-ġudizzju penali jiġi sospiż in pendenza tad-deċiżjoni ta' kwistjoni ċivili. Infatti dak l-artikolu jipprospetta preċiżament il-każ ta' sospensjoni tal-preskrizzjoni meta l-azzjoni kriminali ma tkunx tista' titkompla ħlief wara d-deċiżjoni ta' xi kwistjoni fuq proċeduri separati; — l-analoġija hi ċara;

Għalhekk il-Qorti, f'dan il-każ, hija ta' l-opinjoni li l-

ġudizzju preżenti għandu jiġi sospiż sakemm tiġi deċiża l-kwistjoni li nqalgħet ta' natura ċivili;

Fl-istess ħin ma hux sewwa li l-ġudizzju penali jibqa' sospiż indefinitament, għaliex mhux dejjem is-suġġett passiv ta' imputazzjoni joppponi eċċezzjonijiet preliminari bl-interess sinċier li jaraħom deċiżi malajr. Konsegwentement hu xieraq li jiġi prefiss terminu; u dan it-terminu għandu jiġi prefiss lill-imputata, għar-raġuni li l-eċċezzjoni hi tagħha u li kontra tagħha hemm diġà sentenza tal-prima istanza, u hemm ukoll, almenu "prima facie", il-konferma tax-xhieda ta' Salvu Cassar bix-xhieda ta' Manwel Busuttil;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċidi billi tissospendi t-trattazzjoni ta' din il-kawża "sine die", sakemm tiġi definitivament deċiża l-kwistjoni ta' min għandu l-jedd fuq il-passaġġ "de quo"; b'dan però, li jekk fi żmien għoxrin ġurnata l-imputata ma tippreżentax nota li biha turi li fil-fatt hi intavolat l-azzjoni opportuna f'sedi ċivili, allura l-Prosekuzzjoni tista' titlob ir-riappuntament ta' din il-kawża, kif tista' titlobha wkoll jekk, allavolja tkun ġiet intavolata l-azzjoni, il-Prosekuzzjoni turi lil din il-Qorti li l-imputata ma pprosegwietx l-azzjoni ċivili bid-diliġenza meħtieġa.